MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2012

Numru 359/2012

Il-Pulizija
(Spettur Herman Mula)

vs

Marco Conti

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ Taljana numru AS3957445, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta’ bejn il-11 u t-12 ta’ Awissu 2012 kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat tiddikjarah u issibu hati tal-imputazzjoni kontrih migjuba.

Rat l-Artikolu 8(d) u 22(b)(11) tal-Kap 101. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-tlett xhur mill-lum.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-borza kontenenti d-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------